Tal-wieħed u ta' l-ieħor donnu kliem miktub għalina: u kliem li fih x'tiżen sewwa, għaliex megħud minn nies ta' għerf u ta' għaqal, ta' fehma qawwija daqs l-azzar u ta' qalb mixgħula bl-imħabba tal-pajjiż.

Għandna fostna nies illi jiddieħku bil-lsien ta' missirijiethom, u flok ma jfittxu li jitgħallmuh, iżiduh, jorqmuh u jagħtuh xejra ħafifa u fuq ruħha, jagħmlu kemm jistgħu biex iċekknuh, iħassruh, ifaqqruh, billi jwarrbu minnu l-kliem—ġawhar malti — u jdaħħlu l-kliem xaqquf ta' ılsna oħra.

U bosta aktar qawwijin idoqqu f'widnejna l-kelmiet tal-filosofu qaddis ta' Tagaste, għaliex, fil-waqt li, bħal ma jidher minbejn kelma u oħra, il-flien li maqdar u ddieħek bil-puniku kien aktarx barrani, u ġieb ruħu kif ġieb, għaliex ma kienx jifhem il-lsien kartaġiniż—u dan jista' jnaqqaslu mill-ħtija;—lill-maltin li jmaqdru u jitfgħu taħt riġlejhom il-lsien ta' missirijiethom, ma hemm xejn xi jnaqqsilhom id-dnub, u ċ-ċanfira ta' Wistin—l-affrikan qalbieni—tistħoqqilhom kollha kemm hi.

Għidna fuq "inaqqaslu mill-ħtija", inaqqaslu, iva; iżda jneħħihielu għal kollox le; għaliex l-ebda barrani, imqar jekk ogħla minn dawk tal-pajjiż u ogħna minnhom u għandu lsien isbaħ minn tagħhom, ma jista' qatt ikollu l-jedd imaqdar u jiddieħek b'dak li mhux tiegħu; bosta iżjed, meta hu ma jafx sewwa x'qiegħed iżeblaħ: u għalhekk lill-barrani li jġib ruħu b'dan ilmod joqogħdulu tajjeb il-kelmiet ta' Ugo Foscolo "ma għandux mistħija".

# LAMPEDUSA

Fil-Għadd ta' Settembru 1933 ta' dan il-Qari semmejna lill-kittieba Calcara u Sanvisente. Għidna li dawn qalu, li fl-1760 il-Gżira ta' Lampedusa kienet taħt il-ħsieb tal-Balliju Du Bocage. Iżda dan ma hux minnu. Minn kitba li għaddiet minn idejna, sibna, li dil-Gżira ġiet mitluqa f'idejn Du Bocage bosta snin qabel l-1760.

Du Bocage kien wieħed mill-Balliji tal-Ordni. Barra minn hekk, hawn Malta kien jidher ukoll għal Franza ma' l-Ordni bħala Ministru (Ambaxxatur) tar-Re Franċiż. Dana l-Balliju jissemma ħafna fi ġrajjietna fi żmien il-"Ftehima l-Kbira" li l-irsiera Torok kienu għamlu f'Malta fl-1749. Fost dawn l-irsiera kien hemm ukoll imdaħħal il-Baxa ta' Rodi, Mustafà. Meta nkixef il-ftehim ta' bejn l-irsiera, dal-Baxa kien joqgħod f'Balzunetta, f'dar bil-ġnien qrib S. Kalċedonju, imsejħa *tan-Naplitan*. L'hemm ukoll kien joqgħod bid-dar il-Balliju Du Bocage. Iżda nħallu lill-Baxa ta' Rodi u l-irsiera tal-"Ftehima l-Kbira", billi wieħed jista' jsib x'sar minnhom fil-ġrajjiet tagħna miktuba, u nerġgħu għal Lampedusa.

Minn kitba li ġiet f'idejna, insibu, li Lampedusa fl-1737 kienet ilha s-snin taħt il-ħsieb tal-Balliju Du Bocage. Tgħid mela, minn fejn ħolquha dik il-ħrafa tal-1760?... Iżda, ilħelwa u s-sabiħa ta' dina l-qlajja, tinsab f'dan li sa ngħidu Waqt li Calcara u Sanvisente jgħidu li Lampedusa ġiet mitluqa fl-1760 f'idejn Du Bocage, dana l-Balliju, fiż-żmien imsemmi (1760), kien ilu li telaq għad-dinja l-oħra erba' snin!

Du Bocage miet hawn Malta fil-5 ta' Marzu 1756. Ġie midfun f'San Ġwann, fil-Kappella ta' San Pawl. U dan li għedna jidher mill-kitba li hemm imnaqqxa fl-irħama ta' fuq qabru.

Sewwa sew meta Lampedusa waqgħet f'idejn Du Bocage, ma sibniex. Anqas ma nafu meta l-Eremit Klawdju reġa' mar Lampedusa, wara li fl-1707 kien warrab minn hemm. Biss nafu, li, għall-ħabta ta' l-1711, beda jmur wieħed Malti f'Lampedusa. Dan kien jaħdem fir-raba' ta' hemm u jbiegħ l-egħlejjel li tagħtih l-art u ħwejjeġ oħra lil dawk il-bastimenti li jersqu lejn dik il-Gżira. B'hekk kien igħix hu u jgħajjex lil niesu li kellu hawn Malta. Dan kien jismu Ġanpawl Sammut. Ġanpawl fiż-żmien li kien joqgħod f'Lampedusa, kien jagħmilha wkoll ta' Sagristan fil-Knisja ta' hemm.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu, bħalma jaf kulħadd, Malta kienet fi ġlieda li ma taqta' xejn mal-Misilmin. Mela,

Oanpawl, bħala Malti, kien wieħed mill-e£rħHft Va
Torok Għalhekk biex dan kien jista' joqgħod f ja^ ^
blama jiġi minbux rnill-Kursan Barbrin, kien ji?ħPt?*?"a
jkollu s-setgħa mis-Sultan tat-Turkija. Bnħtieġ 1(

Aktarx li xi wħud ma tinżlilhomx li hu minnn A ntqal fuq is setgħa li semmejna. Iżda, għal dan H 8 wieħedjieta' jemminha. l 1Snidu,

Oħalkemm Du Bocage kien Kavalier u Balliju tal n ^ kien ukoll 1-Ambaxxaiur ta' Franza fMalta. Terġa' FV ' dik il-ħabta, kienet ħabiba ħafna mat-Turkija. Għalhekr-8, Sultan tat-Torok ma kienx jaraha bi kbira billi jagħti s IB~ tgħa lil Du Bocage (bħala Ambaxxatur ta' Franza) bie dawk li jgħammru fLampedusa, ma jiġux mittiefsa min-rXs tiegħu.

Dil-biċċa tas-eetgħa, hi msemmija wkoll mill-kittieba Calcara u Sanvisente. Tarġa', li kieku ma kenitx minnha ħadd ma kien sajmur jittarraf fLampedusa, biex minn fiin għal ieħor jista' jaqa' rsir tal-bastirnenti Torok li ta' sikwit kienu jgħaddu minn hemm.

Flimkien mal-Malti Ganpawl, mar igħammar ukoll fLampedusa 1-Eremit Franċiż Fra Klawdju. B'dan kollu għalkemm kienu t-tnejn fil-gżira, dawk li żaruha jsemmu li sabu jgħammar hemm wieħed biss. Hekk qalu xi kittieba li għaddew minn Lampedusa fl-1732 (Moreri) u fl-1737 (1-Earl of Sandwich). Tgfiid dawn inzertaw li marru hemm waqt li 1-Malti Sammut kien iħalli mill-Gżira u jiġi lejn Malta? jista' jkun li Sammut, wara li kien iqatta' xi żmien jaħdem f Lampedusa, kien iwarrab xi ftit biex jiġi jara T niesu hawn. Iżda l-biċċa kienet kif kienet, Sammut dam is-snin il-kbar imur jaħdem fLampedusa u hemm ibigħ il-qmuħ u t-tjurlin-nies tal-bastimenti li jersqu lejn dik il-Gżira, kif gfiad nfiru T quddiem.

## QTIL MINN MALTI F'LAMPEDUSA

F'Ġunju ta' 1-1729, fix-xtajta ta' Lampedusa, waslet fe-u£aarmata għall-kors bil-bandiera ta' 1-Ordni. Din kienet tafit il-ħsieb tal-Kaptan Baldecco, mill-Isla. nor l-ħed Malti> baħri ™nn ta' din il-feluka, jistnu GużS flSS1'--TV1 8al-Luqa, niżel 1-art, u hemm, fix-xtajta, qagla^ jiekol galletta mxarrba fl-ilma, li jum qabel kien vu mmn *u9 tartana Franċiża.

l

Waqt li Gużċ kien jiekol, mar fuqu wiefied rrvill-bafirki Bħabu, jismu Nikol, minn Napli. Dan qallu H dik U-galletba kienet tiegħu, u ħadhielu b'saħħa minn idejh. Ġużċ ried jerġa' ieħodhielu.u beda jitolbu b'ħerqa kbirabiex jagħtihielu V/Aw Nikol niii riedx. u tah daqqa fuq wiċċn li tefgħu fl-art, Ġuże qani u baqa' jitollm bil-ħerqabiex jagħtih lura l-galletta. Nikol tclgħulu, reġa' ħabat għalih n tefgħu 1-baħar. Ġużċ, ġfcad ii ma kienx jafigħiun, irnexxielu jaqbad mal-blat u ħeles mill-għarqa. Malli tela' l-art, fiareġ sikkina u biha ta daqqa fżaqq Nikol. Id-claqqa kienet qalila, għax, wara ftit jieni, Nikola miet.

Guże nġieb hawn Malta. Għadda proċes9 u, fis-27 ta' Settembru 1729, ġie mwaħħal 3 snin jaħdem fix-xogħlijiet tal-Gvern bla ħlas. Iżda Ġuże ma damx wisq il-ħabs. Fit-13 tn' Frar 1730, il-Gran Mastru taħ il-maħfra ta' li kien baqagħlu jagħmel.

Ġuie Qatt.

## SAN PAWL FMALTA *

"U meta Pawlu ġabar qabda għasieleġ u qigħedhom fuq in-nar, lifgħa qabzet barra, mħabba til-ħruq."
(Atti tal-Appostti, Kap. xxvni)

Qalbu siekta fil-qawwa ta' profeta,
"kif ġarb il-mewġ itbiegħed,
Niżel ir-raġel ta' setgħet bostana
fuq 1-art U hu kien wiegħed.

Niżel fuq I-art; mhux biex jistrieħ, jewl-anġh
jistenna jduru miegħu :
Cjħasluġ u lsien tan-nar btss ]agħtu xhieda
tal-ħaqq u t-tjieba tiegħu.

Iżda tneta tal-lifgħa ħass iWeġgħa
1-crħainuna malajr ġiet: A ^ W ^
Nisrani! minhaw tgħallem agħmel dmirck,-
il-bqija Hs-smeww.et. D(JN Karj*.

* Miġjuba fil-Malti mill-IngU* ta John Hen^y• Cardinal Newman.